MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 247/2000/1

**Bernard Paul Cauchi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

Fil-21 ta' April, 1998 Bernard Paul Cauchi ghamel applikazzjoni sabiex jinghata *"Allowance"* tat-tfal ghall-perjodu mill-4 ta' Lulju, 1998 sat-2 ta' Lulju 1999 skond l-Artikolu 76 tal-Kap 318. Din it-talba izda giet michuda mid-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali nkwantu gie osservat li d-dhul totali tieghu ghas-sena 1997 kien aktar mil-limitu ffissat mil-ligi, cioe` LM10,192.

Fil-31 ta' Awissu, 1998 Bernard Paul Cauchi interpona appell quddiem l-Arbitru mahtur skond l-Artikolu 107 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn talab li d-decizjoni tad-Direttur tigi riveduta billi, skond hu, "*profitti tas-socjeta` kummercjali lilu appartenenti ma kienux profitti personali tieghu".*

B'decizjoni tad-9 ta' Gunju, 2000 (Decizjoni numru 118/00) l-Arbitru, filwaqt li cahad l-aggravju mressaq minn Cauchi u dan a termini ta' dak li jinghad fl-Artikolu 76 tal-Att Dwar is-Sigurta` Socjali, laqa' l-appell parzjalment billi ordna li d-Direttur ghandu jikkunsidra li l-profitti tal-kumpanija ghas-sena 1996 li l-appellant (u cioe` Bernard Paul Cauchi) seta' jircevi kienu LM3386 u mhux LM5190. U dana wara li l-istess arbitru irrileva li "*skond l-istess profit and loss account jirrizulta illi l-profitti tal-kumpanija li minnhom seta' jibbenefika l-appellant kienu dawk rizultanti wara t-tnaqqis ta' 35% taxxa fuq id-dhul li jammonta ghal LM3386."*

**<u>L-appell lil din il-Qorti</u>**

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni tal-Arbitru u ghalhekk b'rikors ippresentata fis-7 ta' Lulju, 2000, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma d-decizjoni ta' l-Arbitru billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn tenniet li d-decizjoni ta' l-istess Direttur tat-23 ta' Awissu, 1998 li l-profitti mhux distribwiti tas-socjeta` ta' l-appellat fil-fatt gew ricevuti minnu u thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni ta' l-Arbitru msemmija f'dik il-parti fejn ddikjarat li d-Direttur ghandu jikkunsidera l-profitti tal-kumpanija ghas-sena 1996 wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dhul. Bl-ispejjes kontra l-appellat.

Bernard Paul Cauchi ma ressaq ebda appell mid-decizjoni fuq riportata. Dan jidher li accetta l-interpretazzjoni li ta l-Arbitru fir-rigward ta' "undistributed profits" ghal fini tal-komputazzjoni tat-"*total yearly means*" tal-"head of household" skond il-Parti VII tat-Tieni Skeda tal-Att in kwistjoni, u relattivament ghall-konsiderazzjoni ta' talba maghmula in forza ta' l-Artikolu 76 tal-Kap 318. Huwa ghalhekk talab il-konferma tad-decizjoni appellata billi din hija gusta nkwantu, skond l-appellat, l-ammont li huwa seta' irceva fis-sena in kwistjoni kien precizament "*il-profitt tas-socjeta` wara it-tnaqqis ta' 35% taxxa fuq id-dhul...*" (ara r-risposta tieghu tal-31 ta' Ottubru, 2000, fol.83).

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

L-Artikolu 76 tal-Kap 318 jistabilixxi li "*it shall be the right of every child in any house hold to have an <u>allowance</u> paid out in his respect to the head of household <u>whose total yearly means,</u> calculated in accordance with Part VII of the Second Schedule of this Act, do not exceed the scale rate as applicable for that household ...... "*

Il-paragrafu (a) ta' l-ewwel artikolu tal-Parti VII tat-Tieni Skeda fuq imsemmija jghid li "In calculating the <u>means for the purposes of section 76</u> of this Act, account shall be taken of the income derived from any property, which is invested or put to profitable use, excluding furniture, jewellery and other personal effects, and <u>any income or privilege</u> which is received or enjoyed by the head of household and his wife." L-Artikolu numru tnejn (2) tal-istess Skeda jelenka d-diversi tipi ta' introitu li jkun jew jista' jigi ricevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu u li ma ghandux jitqies fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg. Fid-decizjoni fuq imsemmija l-Arbitru korrettament cahad is-sottomissjoni ta' Bernard Paul Cauchi nkwantu irritjena li "undistributed profits" ta' socjeta` li taghha jkun socju l-applikant, ghandhom jittiehdu bhala parti mill-mezzi tieghu ghal fini tal-komputazzjoni tad-dhul jew privilege skond l-Artikolu 76 u dana billi l-Artikolu 2 tal-Parti VII tat-Tieni Skeda jikkontempla mhux biss d-dhul effettiv izda jinkludi wkoll

dak id-dhul li “jista’ jigi ricevut.” Dan a bazi tal-konsiderazzjoni li l-profitti ta’ socjeta` jappartjenu ‘di diritto’ lis-socji.

Izda fit-tieni parti tad-decide l-Arbitru rritjena li l-ammont ta’ “undistributed profits” li ghandu jigi akkreditat lill-applikant meta jigi komputat l-introitu tieghu ghall-fini ta’ l-Artikolu 76 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta’ Malta kellu jkun dak l-ammont rizultanti wara li mill-profitti tas-socjeta` ‘dovuti’ lill-applikant titnaqqas it-taxxa ta’ 35% fuq id-dhul.

**Ikkunsidrat**

L-Att Dwar is-Sigurta` Socjali ma jaghti ebda definizzjoni ta’ “**income or privilege**” li jircevi l-kap tal-familja jew martu izda mill-assjem tal-provvedimenti kollha tal-istess ligi jidher li kull kalkolu jew komputazzjoni mehtiega sew ghal hlas tal-kontribuzzjonijiet, kif ukoll biex wiehed jircevi pensjoni jew xi beneficcju iehor in forza tal-istess ligi, jigi kunsidrat in-“**net income**” tal-“insured person” li fl-Artikolu 2 tal-istess ligi huwa definit bhala “total income net of expenses directly incurred in generating that income.”[1] Dawn l-“expenses” certament ma jinkludux it-taxxa dovuta u ghalhekk nistghu nghidu li meta l-Att Dwar is-Sigurta` Socjali fl-artikolu 76 jitkellem dwar il-mezzi tal-applikant jkun qed jirriferi ghal introitu kollu tal-“insured person” u bl-ebda mod ma ghandha titnaqqas it-taxxa dovuta jew li tista’ tithallas in forza tal-ligi dwar it-Taxxa fuq id-Dhul.

Il-ligi li tirregola l-gbir tat-taxxa fuq l-Income tipprovdi, fost affarijiet ohrajn, ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn persuna jkollha sehem f’socjeta` billi tiddisponi li t-taxxa dovuta w mhallsa mis-socjeta` fuq il-profitti tigi akkreditata lis-socju kemm-il darba l-profitti taxxabbli jigu distribwiti lis-socji in forma ta’ dividendi (Art. 60). Il-profitti li ma jigux distribwiti lis-socji jattiraw l-istess ammont ta’ taxxa. Dan ifisser li, ghal dawk li huma profitti f’socjeta`, il-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn l-introitu tas-socjeta` bhala enti guridiku separat u dak tas-socji li jikkostitwixxu dik is-socjeta` u li, bhala tali, jibbenefikaw mill-profitti li hija

[1] Fit-test Malti, “‘dhul net’ tfisser id-dhul kollu li minnu jitnaqqsu l-ispejjez li jsiru direttament biex jinqala’ dak id-dhul”.

taghmel. Isegwi li l-ammont li jippercepixxi jew li jkun intitolat ghalih is-socju jirrapresenta sehemu mill-ammont intier tad-“distributable profits” u mhux biss dak l-ammont li jircevi wara li titnaqqas it-taxxa fuq l-income.

Gialadarba gja gie deciz mill-Arbitru li “undistributed profits” ghandhom jigu kunsidrati fil-kalkolu tal-mezzi tal-“head of household”, a bazi ta’ dak li inghad hawn fuq, isegwi li l-intier tad-“distributable profits” u cioe`, inkluza it-taxxa li tithallas fuq l-istess, ghandhom jigu akkreditati lill-applikant ghall-fini tal-ezercizzju mehtieg sabiex jigi determinat jekk l-istess applikant huwiex intitolat jew le ghall-“children’s allowance”.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi milquh u ghalhekk din il-Qorti qed tirriforma d-decizjoni tal-Arbitru billi filwaqt li tikkonfermha f’dik il-parti fejn tenniet li d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tat-23 ta’ Awissu, 1998 li l-profitti mhux distribwiti tas-socjeta` ta’ l-appellat fil-fatt gew ricevuti minnu, tirrevoka l-istess decizjoni f’dik il-parti fejn iddikjarat li d-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghandu jikkonsidra l-profitti tal-kumpanija ghas-sena 1996 wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dhul, u tordna li ghall-fini tal-komputazzjoni tal-mezzi tal-appellat jittiehdu in konsiderazzjoni l-istess profitti minghajr tnaqqis tat-taxxa fuq id-dhul.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------